**M I N U T I**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**ID-DISA' LEĠIŻLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 25**

13 ta' Jannar 2026

Il-ħamsa u għoxrin (25) seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tlieta 13 ta' Jannar 2026 fil-5.15pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Nigel Holland | ( NH ) | Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjura Justine Vella Palmier | ( JVP ) | Kunsilliera |
| Is-Sur Dale Cachia | ( DC ) | Kunsillier |

ASSENTI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

25.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

25.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

25.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

25.2.1. Is-Sindku NH ressaq il-minuti tat-tnejn u għoxrin (22), tat-tlieta u għoxrin (23) u tal-erbgħa u għoxrin (24) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

25.2.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera SSH u issekondata mill-Kunsillier DC, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun wieħed unanimu. Il-Viċi Sindku JAE qal li hu kien favur iżda kien ser jastjeni mill-approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa numru tlieta u għoxrin (23) minħabba li ma kienx preżenti.

25.3 **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

25.3.1. Is-Sindku NH għamel riferenza għas-servizz tat-trasport u staqsa jekk is-SE kienx staqsa lill-ħaddiem manwali jekk kienx interessat isuq il-karozza sakemm jinstab xufier permanenti. Is-SE wieġeb li l-ħaddiem manwali kien informah li ma kienx komdu jagħmel dan ix-xogħol.

**<u>Nota: 17:21 Il-Kunsilliera JVP attendiet għal-laqgħa.</u>**

25.3.1.1. Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-vettura. Is-SE qal li fir-rigward tat-tiswija, min kien qed isewwi kien qed jistenna s-seatbelts jaslu sabiex ikunu jistgħu jiġu installati.

25.3.1.2. Is-Sindku staqsa kemm ikun hemm vjaġġi f'ġurnata bejn wieħed u ieħor. Is-SE qal li mhux dejjem ikun hemm l-istess ammonti.

25.3.1.3. Is-Sindku ippropona li tinstab persuna li jkollu l-vettura tagħha u li titħallas bil-vjaġġ. Is-SE qal li f'dak il-każ, ir-residenti jridu jibbukkjaw tal-anqas minn jumejn qabel biex ix-xufier ikun jista' jkun informat bil-vjaġġi li għandu. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb jitlob kwotazzjonijiet għal dan is-servizz.

25.3.1.4. Il-Viċi Sindku JAE staqsa jekk is-seatbelts hux bilfors ikunu tal-vettura u jekk jistgħux jintużaw seatbelts ta' vettura oħra b'mod temporanju sakemm jaslu dawk proprja. Il-Kunsill qabel li għandu jistaqsi.

25.3.1.5. Is-SE qal li hu kien f'komunikazzjoni ma' tad-District Operations sabiex jinstab kemm xufier kif ukoll persuna li tkun għassa mal-kameras tas-sigurtà, iżda kien hemm dewmien minħabba l-proċeduri li jridu jsiru biex wieħed jimpjega minn din l-iskema.

25.3.1.6. Is-Sindku qal li dan is-servizz kien wieħed popolari ħafna mar-residenti u n-nuqqas tiegħu kien inħass ħafna. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jara kif jista' jopera temporanjament sakemm jinstab xufier u qabel li din il-materja terġa' tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss ġaladarba jkunu nġiebu l-kwotazzjonijiet hekk kif maqbul mill-Kunsill.

25.3.2. Is-Sindku NH għamel riferenza għall-memo interna rigward il-proposta li ssir plakka ta' rikonoxximent għal dawk li servew fil-kunsill matul is-snin. Il-Kunsill qabel.

25.3.3. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Commercial and Corporate Affairs Officer tal-Malta Properties fejn ilmentat rigward trakkijiet li qed jipparkjaw fi Triq Emvin Cremona u li kienu qed jostakolaw il-viżibilità tas-sewwieqa. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandha ssir mera faċċata u li għandu jinformaha b'din id-deċiżjoni.

25.3.4. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-Għaqda tan-Nar fejn ipproponew li l-Kunsill jorganizza attività konġuntament magħhom u fejn il-Kunsill kien qed jiġi mitlub jiffinanzja l-polza tal-assigurazzjoni kif ukoll il-fire engine għal dakinhar tal-festa. Il-Kunsill qabel bil-kundizzjoni li l-ispiża ma teċċedix l-ammont ta' €450.

25.3.5. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand Malta Envision 2050 fejn talbu l-permess tal-Kunsill sabiex itellgħu struttura temporanja ħdejn il-monument ta' Kristu Re. Is-SE qal li kien talabhom jibgħatu siteplan biex il-Kunsill ikun jista' jara aħjar x'qed jiġi propost. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jikkonferma l-għoli tal-istrutturi kif ukoll il-perjodu li għalih qed issir it-talba.

25.3.6. Is-Sindku ressaq kwotazzjoni għal sistema ta' live streaming. Is-SE spjega kif dan is-servizz kien ser ikun irħas minn dak preżenti. Il-Kunsill qabel li għandu japprova din il-kwotazzjoni.

25.3.7. Is-Sindku ressaq ilment rigward żewġ arbli tal-ħadid fi Triq l-Imħażen li jidher li ġew installati mingħajr permess bejn l-ispazji ta' parkeġġ u l-motorcycle bay u li kienu qed joħolqu periklu. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel li għandu jitlob il-parir tal-Avukat tal-Kunsill dwar din il-materja.

25.3.8. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand resident li kien qed jipproponi li jsiru linji sofor faċċata tal-garaxxijiet li għandu fi Triq Pietro Floriani. Is-SE spjega kif dan kien neċessarju biex il-persuna tkun tista' toħroġ il-vettura tagħha minn ġol-garaxx. Il-Kunsill qabel ġaladarba ma jidhirx li kien hemm soluzzjoni oħra.

25.3.9. Is-Sindku ressaq talba għal spazju ta' parkeġġ komunali fi Pjazza Papa Ġwanni XXIII. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

**Nota: 17:54 Il-Kunsilliera SSH talbet li tkun skużata.**

## 25.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

25.4.1. Il-Viċi Sindku JAE staqsa jekk kienx hemm tweġiba rigward iż-żebgħa taż-zebra crossings fil-lokalità. Is-SE qal li kien talab kwotazzjonijiet dwar dan ix-xogħol iżda kien għadu qed jistenna risposta biex jara jekk kienx hemm bżonn li jkun hemm gwardjani lokali mal-kuntrattur sakemm ikun qed isir ix-xogħol.

25.4.2. Il-Viċi Sindku JAE staqsa jekk tistax issir iż-żabra tas-siġar fl-inħawi tal-iSptar Sir Paul Boffa. Il-Kunsill qabel li għandu jitkellem mal-kuntrattur tal-Kunsill.

**Nota: 17:57 Il-Kunsilliera SSH reġgħet attendiet għal-laqgħa.**

25.4.3. Il-Viċi Sindku JAE ressaq proposta mingħand xi residenti rigward iż-żarmar ta' ċertu materjal li hemm fuq il-Fosos minħabba li kienu għadhom qed jittieħdu numru ta' parkeġġi. Is-SE qal li kien irċieva korrispondenza mingħand l-Awtorità tat-Turiżmu li kienu informawh li minħabba l-maltemp kien hemm dewmien fiż-żarmar u kienu talbu permess għal żieda fil-perjodu sakemm iżarmaw kollox.

25.4.4. Il-Kunsilliera SSH staqsiet rigward id-dawl ta' Ġnien Preziosi. Is-Sindku NH qal li kien iltaqa' mal-kuntrattur fejn dan kien ta parir li d-dawl jinqala u jgħaddi dawl ġdid b'armored cable biex ikun jista' jservi iktar anke kontra l-elementi. Is-Sindku qal li l-kuntrattur għandu jibgħat stima dwar dan ix-xogħol. Il-Kunsill innota dan.

25.4.4.1. Is-Sindku NH qal li kellu talba mingħand grupp ta' nies li jilgħabu l-boċċi hemmhekk u li kienu waħħlu solar panels sakemm jitranġa d-dawl biex il-logħob ikun jista' jibqa' għaddej. Din l-ispiża kienet tammonta għal €272. Wara li ddiskuta, il-Kunsill m'approvax din l-ispiża ġaladarba din ma kienitx approvata qabel u ma kien hemm l-ebda konsultazzjoni jew ftehim mal-Kunsill.

25.4.5. l-Kunsilliera SSH staqsiet jekk kienx hemm żvilupp rigward il-proġett ta' Triq l-isqof Mauro Caruana. Is-SE qal li sa dakinhar ma kienx għad hemm żvilupp mill-Perit. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat tfakkira kemm għal din il-materja kif ukoll għal materji oħra pendenti li l-Kunsill għadu qed jistenna risposta fuqhom.

25.4.6. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-housing estate tal-bitħa l-kbira u qalet li kienet informata li kien qed jidħol l-ilma. Il-Kunsill qabel li għandhom jittieħdu r-ritratti sabiex ikun jista' jgħaddi l-ilment lill-Awtorità'tal-Housing.

25.4.7. Il-Kunsilliera SSH staqsiet rigward Triq San Franġisk kantuniera ma' Triq San Tumas u qalet li kien hemm ilmenti rigward vetturi li kienu qed jitilgħu fuq il-bankina minħabba li

din kienet pjuttost baxxa. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jsir railing hekk kif kien ġie suġġerit mir-residenti.

25.4.8. Il-Kunsillier DC għamel riferenza għal tabelli tan-no entry li twaħħlu fi Triq San Franġisk kantuniera ma' Triq is-Suq. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel li għandu jitkellem magħhom u li jitlob li titneħħa t-tabella li hemm qabel Triq is-Suq.

25.4.8.1. Il-Kunsilliera SSH ipproponiet li jiżdied id-dawl mal-pjattaforma tal-crane li kien hemm. Il-Kunsill qabel.

25.4.9. Il-Kunsillier DC għamel riferenza għall-generators li kienu tpoġġew fi Triq San Publju u ippropona li meta jkun hemm permessi simili, jinħarġu tabelli tan-no parking biex ikunu jistgħu jitwaħħlu faċċata. Dan minħabba li t-triq kienet dejqa u kien qed jinħoloq periklu għall-vetturi li jkunu pparkjati faċċata. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jiġbed l-attenzjoni biex il-generators jitpoġġew iktar 'il ġewwa sabiex ma jkunx hemm ostakli għall-vetturi.

25.4.10. Il-Kunsillier DC għamel riferenza għal Triq John Lopez minn Triq Sant'Anna 'l isfel u ġibed l-attenzjoni għall-bżonn tal-immaniġġjar tat-traffiku f'din iż-żona.

25.4.10.1. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-cash van u l-problemi li jista' jsib jekk ikun hemm xi bidliet. Is-SE wieġeb li l-cash van qatt ma kien qed jipparkja fl-ispazju allokat għalih iżda kien qed jipparkja fi Triq Sant'Anna.

25.4.10.2. Il-Kunsill qabel li għandu jikkomunika ma' Transport Malta sabiex jara x'jista' jsir f'dan ir-rigward.

25.4.11. Il-Kunsilliera JVP irringrazzjat lill-amministrazzjoni tal-Kunsill kif ukoll lill-Avukat tal-Kunsill għall-assistenza tagħhom fir-rigward tal-ispralli perikolużi. Hija qalet li finalment kienet ser tittieħed azzjoni dwar dawn wara l ittra legali li kienet intbagħtet mill-Kunsill. Is-SE qal li kienu ġew jieħdu xi ritratti u kien informat li kien ser jinfetaħ każ.

25.4.12. Il-Kunsilliera JVP staqsiet rigward it-tarmak tat-toroq. Is-Sindku informa li kien beda x-xogħol fi Triq Vincenzo Bugeja u fi Triq Pietro Floriani.

## 25.5 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGHAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTOKUMITATI

25.5.1. Is-Sindku NH fetaħ id-diskussjoni billi qal li fl-aħħar laqgħa li inżammet tas-sottokumitat ta' St Patrick's (Sun) Day kien ġie deċiż li ċ-ċhairperson ikun hu u li s-segretarju ikun is-Sur Godwin Azzopardi.

25.5.2. Il-Kunsill innota din l-informazzjoni.

**Nota: 18:25 Is-Sindku NH talab li jkun skużat.**
**18:25 Il-Viċi Sindku JAE ippreseda l-laqgħa.**

25.6 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI SKEDA TA' PAGAMENTI**

25.6.1. Il-Viċi Sindku JAE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 19/09 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

25.6.2. Is-SE qal li mal-iskeda li kienet qed tiġi mressqa, kien qed jipproponi pagament ieħor li huwa tas-Sur Tancred Grech għal servizz ta' banda. Il-Kunsill innota dan.

25.6.3. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier DC u issekondata mill-Kunsilliera JVP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti. L-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata b'mod unanimu.

25.7 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-BUDGET 2026**

25.7.1. Il-Viċi Sindku JAE ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-baġit għas-sena 2026 hekk kien kien propost fil-laqgħa annwali.

25.7.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera SSH u issekondata mill-Kunsillier DC favur l-approvazzjoni tal-baġit għas-sena 2026, ittieħed vot bir-riżultat ikun wieħed favur b'mod unanimu.

25.8 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-PERFORMANCE BONUS TAS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

25.8.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi għamel riferenza għal performance bonus tas-SE.

25.8.2. Ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-performance bonus tas-SE bir-riżultat ikun wieħed favur b'mod unanimu.

**Nota: 18:28 Is-Sindku NH reġa' attenda għal-laqgħa fejn kompla jippresiedi.**

25.9 **ĦATRA TA' DEPUTAT SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

25.9.1. Is-SE fetaħ id-diskussjoni billi qal li skont id-direzzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, il-Kunsill kellu jieħu ħsieb jappunta Deputat Segretarju Eżekuttiv.

25.9.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill approva li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv tkun l-Assistent Prinċipal tal-Kunsill.

## 25.10 Is-XVII -il Assemblea Ġenerali Furjaniża

25.10.1. Is-Sindku ippropona li l-Assemblea Ġenerali Furjaniża tinżamm nhar il-Ġimgħa 6 u s-Sibt 7 ta' Marzu 2026.

25.10.2. Il-Kunsill qabel li l-attività tinżamm fid-dati proposti.

25.10.3. Il-Viċi Sindku JAE qal li filwaqt li ma jsibx oġġezzjoni għal dawn id-dati, informa li ma setax jattendi nhar il-Ġimgħa 6 ta' Jannar minħabba impenji oħra.

25.10.4. Il-Kunsill iddiskuta min se jkunu l-kelliema għal din l-okkażjoni.

25.10.5. Is-Sindku ippropona li l-Assemblea Ġenerali Furjaniża terġa' tinżamm fil-Floriana Senior Citizens. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 25.11 Jum il-Floriana 2026

25.11.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi nforma li Jum il-Floriana ser ikun nhar it-12 t'April 2026.

25.11.2. Il-Viċi Sindku JAE ħeġġeġ li sal-laqgħa li ġejja, il-kunsilliera jilħqu jaħsbu fil-personaġġi li jistgħu jiġu proposti għal din l-okkażjoni. Huwa talab li tintbagħat il-lista tal-personaġġi li ġew magħżula f'dawn l-aħħar snin ħalli wieħed ikun jista' jagħmel proposti infurmati.

25.11.3. Il-Kunsill qabel li din il-materja għandha titpoġġa fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmiss.

## 25.12 Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art Mekkanizzat

25.12.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi għamel riferenza għall-korrispondenza mibgħuta mill-MTA fejn qal li kien jinsab kemxejn inkwetat dwar dak li ntbagħat f'din il-korrispondenza. Huwa staqsa lill-kunsilliera jekk kellhomx ħjiel dwar x'kien qed jiġi diskuss, fejn il-kunsillieri innegaw li kellhom xi ħjiel dwar dan.

25.12.2. Is-Sindku qal li kien imħasseb minħabba li ma tantx kien għad fadal żmien għall-attività. Huwa informa li kien ser iwieġeb hu u jitlobhom li jkunu ċari minħabba li l-irdieden tan-nar kienu jieħdu ż-żmien biex jinħadmu u għalhekk wieħed irid jinforma lill-parteċipanti fi żmien xieraq.

25.12.3. Il-Viċi Sindku JAE qal li kien qed jieħu ħsieb jagħmel talbiet għal sponsorships però sa dakinhar kien għad m'hemmx tweġibiet.

25.12.4. Is-Sindku staqsa lis-SE meta joħorġu l-iskemi li joffru għajnuniet. Is-SE wieġeb li sa dakinhar kienu għadhom ma ħarġux. Is-SE żied jgħid li minkejja dan xortawaħda ġieli jkun hemm restrizzjonijiet fl-iskema li ma jippermettux fondi għal-logħob tan-nar u għalhekk wieħed irid jieħu ħsieb jara l-kriterji ta' kull skema.

25.12.5. Il-Kunsillier DC ippropona li l-Kunsill jitkellem mar-Reġjun Port bħala r-reġjun kulturali tas-sena sabiex jara jekk tistax tiġi offruta xi għajnuna f'dan ir-rigward.

25.12.6. Il-Kunsill qabel li għandu jitkellem mal-Awtorità tat-Turiżmu u jinsisti fuq risposta immedjata.

## 25.13 **ST. PATRICK'S (SUN)DAY**

25.13.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li l-attività kienet se ssir nhar il-Ħadd 15 ta' Marzu 2026.

25.13.2. Huwa kompla billi qal li l-Kunsill irid jieħu ħsieb jara lil min se jibbukkja mużiċisti kif ukoll materji loġistiċi oħra sabiex l-attività terġa' tkun waħda ta' suċċess.

## 25.14 **FESTGĦANA 2026**

25.14.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li kien irċieva korrispondenza mingħand il-Professur Sant li kien ħa f'idejn din l-attività u li kien wera x-xewqa li jinvolvi lill-kunsill fl-organizzazzjoni tagħha.

25.14.2. Is-Sindku kompla billi qal li l-professur kien ippropona żewġ inizjattivi fejn il-Kunsill ma kienx ser joħroġ flus. Huwa kompla billi qal l kien qed jiġi offrut ukoll prezz ridott għall-biljetti mixtrijin mir-residenti Furjaniżi.

25.14.3. Is-Sindku qal li kien hemm proposta biex tintuża s-sala tad-Dar tal-Kunsill fejn ikun jista' jsir workshop ma' espert dwar il-fotografija waqt il-festival.

25.14.4. Is-Sindku semma wkoll li hemm idea li jsir konkors tal-kitba tal-għana tal-fatt dwar ir-Reġjun Port li ser tkun organizzata bħala parti mill-programm tas-sena kulturali tar-Reġjun Port.

25.14.5. Is-Sindku qal li jekk approvat, ikun jista' jsir ftehim formali bejn il-Kunsill u Festivals Malta rigward dan kollu.

25.14.6. Il-Kunsilliera SSH ressqet talba mingħand persuna biex tagħmel użu mis-sala tad-Dar tal-Kunsill sabiex tkun tista' tagħmel wirja tal-presepji. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni dment li ma jkunx hemm attivitajiet oħra diġà ibbukkjati.

## 25.15 MALTA INTERNATIONAL FOOD FESTIVAL

25.15.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li l-Kunsill kien iddeċieda li dan il-festival ma kienx postu fil-lokalità. Minkejja dan l-organizzaturi kienu insistew li jerġgħu jiltaqgħu mal-Kunsill dwar dan.

25.15.2. Is-Sindku kompla billi qal li kienet reġgħet inżammet laqgħa magħhom.

25.15.3. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx li għandu jerġa' lura mid-deċiżjoni tiegħu li ma jingħatax permess li l-festival jerġa' jsir fil-lokalità.

## 25.16 GABBANA FIĊ-ĊENTRU RIKREATTIV IR-RE ĠORĠ V

25.16.1. Is-Sindku għamel riferenza għal-laqgħa li nżammet mal-kuntrattur iktar kmieni dakinhar.

25.16.2. Is-SE żied jispjega dak li ġie diskuss fejn semma li l-Kunsill, jekk jaqbel, kien ser jagħti biss in-no objection tiegħu u l-permess irid xorta waħda jiġi approvat minn entitajiet oħra skont il-liġi.

25.16.3. Il-Kunsilliera SSH staqsiet min ser ikun l-applikant meta titressaq l-applikazzjoni. Is-Sindku ikkonferma li l-applikazzjoni trid issir f'isem il-Kunsill biex il-Kunsill ikollu ownership.

25.16.4. Is-SE spjega l-progress fl-applikazzjoni tal-imwejjed u s-siġġijiet.

25.16.5. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb japplika bil-kundizzjoni li kwalunkwe spejjeż relatati jitħallsu mill-kuntrattur.

## 25.17 AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

25.17.1. Il-laqgħa intemmet fis-7.15pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 11 ta' Frar 2026 fil-5.15pm.

**Konfermati, illum l-Erbgħa 11 ta' Frar 2026**

| | |
|---|---|
| (iffirmat) | (iffirmat) |
| Nigel Holland<br>Sindku | Malcolm Agius Muscat<br>Segretarju Eżekuttiv |